# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 760/2007

## tad-29 ta' Ġunju 2007

## li jemenda għat-80 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skond dak ir-Regolament.

(2) Fit-8 ta' Ġunju 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandha tapplika l-friża ta' l-assi u tar-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk ikun emendat b'dan.

(3) Biex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Eneko LANDÁBURU
*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 732/2007 (ĠU L 166, 28.6.2007, p. 13).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu miżjuda taħt l-intestatura "Persuni naturali":

(1) Salem Nor Eldin Amohamed **Al-Dabski** (*alias* (a) Abu Al-Ward, (b) Abdullah Ragab, (ċ) Abu Naim). Indirizz: Bab Ben Ghasheer, Tripli, il-Libja. Data tat-twelid: 1963. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Nazzjonalità: Libjan. Numru tal-passaport: 1990/345751 (passaport Libjan). Informazzjoni oħra: Ommu jisimha Kalthoum Abdul Salam Al-Shaftari.

(2) Said Youssef Ali **Abu Aziza** (*alias* Abdul Hamid, Abu Therab). Data tat-twelid: 1958. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Nazzjonalità: Libjan. Numru tal-passaport: 87/437555 (passaport Libjan). Informazzjoni oħra: Miżżewweġ lil Sanaa Al-Gamei'i.

(3) Aly Soliman Massoud **Abdul Sayed** (*alias* (a) Ibn El Qaim, (b) Mohamed Osman, (ċ) Adam). Indirizz: Ghout El Shamal, Tripli, il-Libja. Data tat-twelid: 1969. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Nazzjonalità: Libjan. Numru tal-passaport: 96/184442 (passaport Libjan). Informazzjoni oħra: Miżżewweġ lil Safia Abdul El Rahman (ċittadina Sudaniża).